MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Numru. 61/2002

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra Angel Teuma bin John, karta tal-identita’ numru 751 (G) u Lawrence Mizzi, bin Joseph karta tal-identita’ numru 280074 (M);

Akkuzati talli fis-27 ta’ Lulju, 2002 ghall-habta tas-7:45 ta’ filghodu fi Triq Iz-Zewwieqa, Ghajnsielem Ghawdex, minghajr il-hsieb li toqtlu jew li tqieghdu il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, tikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha ta’ persuna ohra, jew li iggibulha disordni f’mohha, u cioe’ ikkagunajtu offiza gravi fuq il-persuna ta’ Anthony Attard minn Ghajnsielem Ghawdex, skond kif iccertifika t-Tabib Ian Galea MD mill-isptar Generali t’Ghawdex;

Rat il-kunsens tal-avukat generali tat-12 ta’ Ottubru 2002, ai termini tal-artikolu 370(4) tal-Kap 9 sabiex il-kaz kontra l-iimputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja kif

ukoll in-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputati ghall-istess procedura kif registrat fil-verbal tas-seduta tal-31 ta’ Jannar 2003.

Semghet il-provi;

Rat l-atti tal-kazwa;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputati tressqu quddiem din il-Qorti wara rapport ta’ Anthony Attard li fis-27 ta’ Lulju ghall-habta tas-6.30 am huwa kien qieghed fuq il-pontoon tal-Imgarr Marina fejn kellu dghajsa irmigjata meta lemah tlett beach cleaners. Dawn talbuh jiftah il-kancell u wara li ghamel hekk irrimarka li l-post kien ilu ma jitnaddaf. Minnufih inqala’ argument ghaliex il-beach cleaners irrimarkaw li ma kienux obligati inaddfu hemmhekk. Dak il-hin harget mart il-kwerelant mid-dghajsa u bdew ikunu skambjata kummenti u insulti fid-direzzjoni ta’ xulxin meta, skond il-kwerelant, it-tlieta gew ghalih, l-imputat Teuma meddu fl-art u l-imputat Lawrence Mizzi, lewielu idejh ix-xellugija u qalahielu mill-minkeb;

Illi mix-xhieda kollha mressqa il-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju illi fl-ewwel lok l-argument inqala’ tort tal-kwerelant minhabba li tawwal ilsienu fil-konfront tal-beach cleaners b’mod partikolai mal-imputat. Mart il-kwerelant stess xehedet illi malli gew il-beach cleaners zewgha irrimiraka li kienu ilhom ma jigu jnaddfu u li staqsa kif kienu gia ghajjew meta ghandhom xorti bdew indaddfu. Minkejja dan mart l-kwerelant kif ukoll l-istess kwerelant jghidu illi kien l-imputat Anglu Teuma li gie jigri ghall-kwerelant, beda jtih u fl-istess hin Lawrence Mizzi qabaddlu idejh u lewijielu;

Illi l-Qorti semghet zewg verzjonijiet konflingenti kwantu min habat ghal-min izda ma hemmx indizji sufficjenti sabiex din il-Qorti tasal ghal-konkluzzjoni bla ebda dubbju dettat mir-raguni kif ukoll ghall-konviciment morali li kienu l-imputati li kkawzaw il-griehi sofferi mill-kwerelant jew kif qalu l-imputati li kien l-kwerelant li hebb ghalihom u fit-

taqbida waqghu fuq xulxin bil-konsegwenza li l-kwerelant spicca b'idu maqlugha.  Wara kollox l-kwerelant stess jikkonferma illi meta Angel Teuma qabdu, it-tnejn waqghu fl-art.

Illi ghalhekk din il-Qorti ma ssibx lill-imputati hatja u tilliberhom mill-akkuzi kif dedotti kontra taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------